**13 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmelo A Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V Arrigo LL.D.**

Paul Aquilina

*versus*

Victor Satariano *noe*

## Preskrizzjoni ta' Tmintax-il Xahar - Dritt għal-'*Leave*' - *Dritt għal Salarju*

*Fost l-azzjonijiet li jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar hemm l-azzjonijiet ta' dawk imħallsin bis-sena, għall-ħlas tas-salarju tagħhom. Il-Qorti ta' l-Appell sabet illi ma tistax tiġi applikata formula ta' ekwivalenza bejn id-dritt għal-'leave' u dritt għal salarju biex tista' tiġi applikata l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar għall-azzjoni għal-'leave'.*

L-attur quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ esprima illi huwa, impjegat tal-kumpanija konvenuta, f'ċertu mument, ġie

mitlub biex imur jaħdem l-Ingilterra fejn l-istess kumpanija kienet se tibda topera. Huwa ġie mitlub li jirriżenja billi kellu jiġi impjegat mill-kumpanija l-ġdida fl-Ingilterra però, sadanittant, xorta baqa' jitħallas minn Malta. F'Mejju 1984 però, il-kumpanija ma baqgħetx tħallas lil-mart l-attur is-salarju lilu dovut, għalkemm il-kumpanija fl-Ingilterra bdiet topera biss f'Settembru, 1984. Huwa kellu salarju ta' ħamsa u sebgħin lira (Lm75) fil-ġimgħa u minħabba l-impenji li l-kumpanija imponietlu, l-attur ma setax jużufruwixxi minn *'leave'* ta' ħames xhur, kif kien intitolat. Huwa għalhekk talab lill-Qorti biex tikkundanna lill-kumpanija li tħallas lill-attur is-somma globali ta' elfejn, ħames mija u ħamsin lira (Lm2550);

Il-kumpanija eċċepiet:- (a) il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni skond l-art. 2252 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili; (b) li ebda salarju ma huwa dovut minn Mejju, 1984, għaliex l-attur kien irriżenja minn mal-kumpanija; (ċ) li l-attur kien General Manager tal-kumpanija u kien jiddependi minnu nnifsu jekk jiħux *'leave'* kif irid;

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ġiet miċħuda b'sentenza tat-27 ta' April, 1988, u l-eċċezzjonijiet oħra ġew ukoll respinti b'sentenza tal-4 ta' Frar, 1992;

Il-kumpanija konvenuta appellat u dan l-appell jikkonsisti f'żewġ punti:- l-ewwel, il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar billi l-*'leave'* irrikjamat huwa forma ta' salarju - art. 2148 (d) Kap. 16; u t-tieni, illi l-attur meta rriżenja mill-kumpanija ttermina l-impjieg u kull ma għamel wara seta' għamlu fuq dak li qallu direttur wieħed jew anki *'shareholders'* tal-kumpanija iżda però ma ġiex imqabbad minnha;

(a) L-artikolu 2148 Kap. 16 huwa dan:-

'L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar:

(a), (b), (c) - omissis -

(d) l-azzjonijiet ta' dawk imħallsin bis-sena, għall-ħlas tas-salarju tagħhom'.

Ma jidhirx li tista' tiġi applikata formula ta' ekwivalenza bejn 'id-dritt għall-'*leave*', u d-dritt għal salarju, biex tista' tiġi applikata l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, invokata mill-kumpanija, għaliex biex isir hekk, il-ġudikant ikun qed jestendi, aktar milli sempliċement jinterpreta, provvediment ta' preskrizzjoni li fil-ġurisprudenza għandu jiġi, għal kuntrarju, intiż b'mod ristrett;

Barra minn din il-konsiderazzjoni legali, hemm oħra ta' fatt. Jekk, kif tirritieni s-sentenza appellata, it-terminazzjoni vera u proprja ta' l-impieg ta' l-attur saret f'Settembru, 1984, u ċ-ċitazzjoni ta' l-attur ġiet preżentata f'Jannar, 1986, jonqos ukoll l-element bażilari taż-żmien għaliex l-azzjoni **għad-danni** ta' impjegat li ma ngħatax il-'*leave*' li *'ex lege'* jew *'ex contractu'* kien intitolat għalih, tista', tiġi proposta meta jispiċċa l-impjieg;

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar - art. 2148 (d) - ma tapplikax għall-każ u ma tistax tiġi akkolta;

(b) It-tieni aggravju jolqot verament il-punt fokali tal-kawża - ċjoè il-kweżit - l-impjieg ta' l-attur mal-kumpanija konvenuta spiċċa meta l-attur 'irriżenja' formalment, jew f'Settembru, 1984, jew meta beda jaħdem mal-kumpanija ingliża? L-ewwel Qorti, li semgħet il-provi, ma kellha l-ebda eżitazzjoni jew dubju. L-attur kien kredibbli waqt li x-xhieda tad-diretturi tal-kumpanija

konvenuta kienet titubanti. Dawn ix-xhieda ġew ikkonsiderati mhux biss inkonsistenti, imma addirittura kontradittorji, billi fil-mori tal-kawża bidlu l-versjoni tal-fatti kif inizjalment kienu esponewha. M'hemm l-ebda aċċenn għal xi element ta' gravità u neċessità, biex jiġġustifikaw lil din il-Qorti li ma taċċettax dak l-apprezzament ta' l-ewwel istanza;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għall-kumpanija konvenuta.